Nru. 18,065
Prezz/Price
Lm0.16 (€0.37)

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 13 ta' April, 2007
Friday, 13th April, 2007

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 356

PUBBLIKAZZJONI TA' ABBOZZ TA' LIĠI FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Abbozz ta' Liġi li ġej huwa ppubblikat fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Abbozz ta' Liġi Nru. 90 imsejjaħ "Att ta' l-2007 li jemenda l-Ordinanza li Tneħħi l-Kontroll tad-Djar".

It-13 ta' April, 2007

Nru. 357

PROSPETT

ĦRUĠ TA' Lm10,000,000 (€23,293,734)
5.7 FIL-MIJA
***STOCK* TAL-GVERN TA' MALTA 2012**
(IT-TIELET ĦRUĠ)
FUNGIBILITY ISSUE
(Suġġett għal Dritt li jiżdied l-i*stock* kif deskritt aktar l'isfel)

Awtorizzat skond l-Att ta' l-2007 li Jimplimenta Miżuri ta' l-Estimi (Att Nru. IV ta' l-2007) u l-Ordinanza dwar Self Lokali (*Stock* u Titoli Reġistrati), Kap.161

Prezz tal-Ħruġ Lm105.95 għal Lm100 NOMINALI (Li jġib rendiment sħiħ sal-fidwa ekwivalenti għal 4.45%)

1. APPLIKAZZJONIJIET

a. APPLIKAZZJONIJIET jiftħu t-Tnejn 23 t'April, 2007 fit-8.30 a.m. u jagħlqu f'nofsinhar il-Ħamis, 26 t'April, 2007, jew aktar kmieni fid-diskrezzjoni ta' l-*Accountant General*.

GOVERNMENT NOTICES

No. 356

PUBLICATION OF BILL IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Bill is published in the Supplement to this Gazette:

Bill No. 90 entitled the "The Housing (Decontrol) (Amendment) Act, 2007".

13th April, 2007

No. 357

PROSPECTUS

ISSUE OF Lm10,000,000 (€23,293,734)
5.7 PER CENT
MALTA GOVERNMENT STOCK 2012
(THIRD ISSUE)
FUNGIBILITY ISSUE
(Subject to an Over-Allotment Option as described below)

Authorised under the Budget Measures Implementation Act, 2007 (Act No. IV of 2007) and the Local Loans (Registered Stock and Securities) Ordinance, Cap. 161

Price of Issue Lm105.95 per Lm100 nominal (Which corresponds to a gross redemption yield of 4.45%)

1. APPLICATIONS

a. Applications open on Monday 23rd April 2007 at 8.30am and close at 12.00 noon on Thursday 26th April 2007 or earlier at the discretion of the Accountant General.

b. L-applikazzjonijiet kollha għandhom ikunu f'multipli ta' Lm100 fuq il-formola preskritta.

ċ. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jinkisbu minn u jiġu depożitati għand il-Membri kollha tal-Borża ta' Malta u Provdituri ta' Servizzi ta' Investiment oħra awtorizzati.

d. Applikazzjonijiet, minn xi applikant wieħed u/jew applikanti flimkien, li ma jeċċedux Lm50,000 kull persuna jkunu bi *premium* ta' 5.95% (105.95). L-applikanti f'din il-kategorija ma jistgħux jagħmlu wkoll offerti taħt il-paragrafi (e) u (f) hawn aktar 'l isfel.

e. Applikazzjonijiet mingħand applikant wieħed, li f'daqqa jeċċedu Lm50,000, imma ma jeċċedux il-Lm250,000 jkunu magħmulin f'offerti għal minimu ta' Lm50,100 kull wieħed. Applikanti taħt din il-kategorija ma jistgħux japplikaw ukoll taħt il-paragrafi (d) u (f).

f. Applikazzjonijiet mingħand applikant wieħed, li f'daqqa jeċċedu Lm250,000, għandhom ikunu magħmulin f'offerti għal minimu u multipli ta Lm250,000 kull waħda. Applikanti taħt din il-kategorija ma jistgħux japplikaw ukoll taħt paragrafi (d) u (e).

g. Offerti li jsiru fuq il-formoli preskritti għandhom jintefgħu fil-Kaxxa ta' l- Offerti t-Teżor, Floriana jew jintbagħtu fuq *fax* 25967210.

h. Applikazzjonijiet li jsiru minn minuri jiġu biss aċċettati jekk dawn ikunu iffirmati minn persuni li jkunu ġenituri, tuturi jew kuraturi tagħhom.

i. Applikazzjonijiet li jsiru f'isem *'Nominee a/c'* u/jew *'Clients a/c'* jiġu biss aċċettati jekk dawn ikollhom magħhom lista bl-identità tal-klijenti rispettivi tagħhom.

j. Ebda applikazzjoni ma tista' tiġi rtirata wara l-ħin ta' l-għeluq.

2. *POLICY* DWAR L-ALLOKAZZJONI TA' *STOCK*:

L-allokazzjoni ta' l-i*Stock* issir kif ġej:

a) L-Offerti jiġu kkunsidrati wara li l-applikazzjonijiet bil-Lm105.95 għal Lm100 nominali jkunu eżawriti.

b) F'każ li d-domanda għall-i*Stock* taħt paragrafu 1d tkun aktar milli jkun hemm, l-allokazjoni ta' l-i*Stock* fost l-applikanti kollha f'dik il-kategorija ssir b'mod proporzjonat skond l-għadd ta' applikazzjonijiet li jkunu saru.

ċ) Offerti fuq l-aħħar rata aċċettata minn aktar min applikant wieħed ssir b'mod proporzjonat skond l-ammont tal- offerti.

d) Ammonti li jiġu allokati lill-Fondi tal-Gvern ikunu skond l- aħħar rata aċċettata.

b. All applications are to be made in multiples of Lm100 on the prescribed form.

c. Application forms may be obtained from, and lodged at, all Members of the Malta Stock Exchange and other authorised Investment Services Providers.

d. Applications by any single and/or joint applicants, which in the aggregate must not exceed Lm50,000 per person, shall be at a premium of 5.95% (105.95). Applicants under this category are precluded from bidding also under paragraphs (e) and (f) below.

e. Applications by any single applicant, which in the aggregate are over Lm50,000, but do not exceed Lm250,000, shall be in the form of sealed bids for a minimum of Lm50,100 each. Applicants under this category are precluded from applying also under paragraphs (d) and (f).

f. Applications by any single applicant, which in the aggregate exceed Lm250,000 shall be in the form of sealed bids for a minimum and multiples of Lm250,000 each. Applicants under this category are precluded from applying also under paragraphs (d) and (e).

g. Bids on the prescribed forms are to be deposited at the Treasury Tender Box or transmitted by fax on 25967210.

h. Applications by minors will only be accepted if signed by a legal guardian.

i. Applications in the name of 'Nominee a/c' and/or 'Clients a/c' will only be accepted if accompanied by lists of their respective clients.

j. All applications will be irrevocable after closing time.

2. ALLOTMENT POLICY:

Allocation of Stock will be made in the following order:

a) Applications by auction will be considered after applications at Lm105.95 per Lm100 nominal are exhausted.

b) In the case of over-subscription by applicants under paragraph 1d, allotment will be effected proportionately to the amount of the applications made.

c) Bids at the last rate accepted, by more than one applicant will be allotted in proportion to the amount of the bids.

d) Any amount allotted to the Government Funds will be at the cut off rate.

3. DRITT LI JIŻDIED L-I*STOCK*

L-*Accountant General* jirriserva d-dritt li jalloka massimu ta' Lm10,000,000 aktar f'każ li t-talba taqbeż l-ammont ta' *Stock* maħruġ. Ħlas b'lura ta' applikazzjonijiet, li ma jiġux allokati għal kollox, isir qabel il-ħruġ tal-Parir ta' Reġistrazzjoni. Dak il-ħlas lura jsir bi kreditu dirett fil-kont li hemm indikat għal ħlas ta' l-imgħax.

4. ĦLAS TA' *DIVIDENDI* (MGĦAX)

a) Id-*dividend (*mgħax) jitħallas kull sitt xhur b'lura fit-30 ta' Marzu u fit-30 ta' Settembru ta' kull sena waqt il-kors ta' l- i*Stock*.

b) L-ewwel ħlas *pro-rata* relattiv għall-perjodu bejn t-3 ta' Mejju, 2007 u t-30 ta' Settembru, 2007 isir fit-30 ta' Settembru, 2007.

ċ) Ħlas ta' *dividend* (mgħax) isir skond kif indikat fuq il- formola ta' l-applikazzjoni bi kreditu dirett f'fergħa ta' bank lokali.

d) F'każijiet meta *Stock* ikun reġistrat fl-ismijiet ta' żewġ persuni jew iżjed bħala kodetenturi ta' *Stock,* il-ħlas isir lill-persuna li isimha jkun jidher l-ewwel fir-reġistru.

5. L-*Accountant General* iżomm id-dritt li joħroġ, fil-futur, ammonti addizzjonali ta' l-*iStock* preżenti fi *tranches* oħra. Fil-każ ta' kull ħruġ ieħor bħal dak, dawn għandhom jiġu integrati ma' l-i*Stock* eżistenti.

6. FIDWA TA' STOCK: L-i*Stock* għandu jiġi mifdi b'parità fit-30 ta' Settembru, 2012.

7. SIGURTÀ: L-*iStock* u d-*dividend* fuqu jkunu għal kariku tad-Dħul u Attiv Ġenerali tal-Gvern ta' Malta.

8. NEGOZJU FIL-BORŻA TA' MALTA

a) Skond l-Att dwar is-Swieq Finanzjarji, Kap. 345, saret applikazzjoni għand il-*Listing Authority* biex l-i*Stock* ikun allokat u sabiex jiġi ammess fuq il-Lista Uffiċjali tal-Borża ta' Malta.

b) Fl-1 t'Ottubru, 2007, wara l-pagament ta' l-ewwel imgħax, dan l-i*Stock* jiġi integrat ma' l-i*Stock* eżistenti 5.7% Stock tal-Gvern ta' Malta 2012(III) u wara dawn iż-żewġ *Stocks* jitqiesu bħala *Stock* wieħed.

9. LEĠISLAZZJONI RELATTIVA: L-Att ta' l-2007 li Jimplimenta Miżuri ta' l-Estimi (Att Nru.IV ta' l- 2007), l-Ordinanza dwar Self Lokali (*Stock* u Titoli Reġistrati), Kap. 161, u direttivi mill-Ministru tal-Finanzi taħt l-artikolu 4(1) (a) ta' l-Ordinanza msemmija, ir-Regolamenti ta' l-1959 dwar Self Lokali (*Stock* Reġistrat).

Nota: Il-valur tal-investiment jista' jitla' kif ukoll jinżel matul iż-żmien li l-i*Stock* ikun fis-suq.

It-13 ta' April, 2007

3. OVER-ALLOTMENT OPTION

The Accountant General reserves the right to exercise an over allotment option for an additional amount of Lm 10,000,000. Refunds of applications, which are not wholly allotted, will be effected before the issue of the relevant Registration Advices. Such refunds will be paid by direct credit in the account indicated for the payment of dividends.

4. PAYMENT OF DIVIDENDS (Interest)

a) Dividend (interest) is payable half yearly in arrears on the 30th day of March and the 30th day of September during the tenure of the Stock.

b) The first pro-rata payment covering the period from the 3rd May 2007 to the 30th September 2007 will be made on the 30th September 2007.

c) Payment of dividend (interest) will be made by direct credit to any branch of any local bank as advised on the application form.

d) In cases where Stock is registered in the name of two or more persons as joint stockholders, payment will be made to the person whose name appears first in the register.

5. The Accountant General reserves the right to issue, in future, additional amounts of the present Stock in further tranches. In the event of such further issues these will be integrated with the existing Stock.

6. REDEMPTION OF STOCK: The Stock shall be redeemed at par on the 30th September 2012.

7. SECURITY: The Stock and dividend thereon will be a charge on the General Revenue and Assets of the Government of Malta.

8. TRADING ON THE MALTA STOCK EXCHANGE

a) Pursuant to the Financial Markets Act, Cap. 345, an application has been submitted to the Listing Authority for the bonds to be admissible to listing and to the Malta Stock Exchange for the bonds to be admitted to its Official List.

b) On the 1st October 2007, after the payment of the first dividend, this Stock will be integrated with the existing issue 5.7% Malta Government Stock 2012(III) and shall thereafter both be deemed to be one Stock.

9. RELEVANT LEGISLATION: The Budget Measures Implementation Act, 2007 (Act No. IV of 2007), the Local Loans (Registered Stock and Securities) Ordinance, Cap.161, and directives by the Minister of Finance under article 4 (1) (a) of the said Ordinance, the Local Loans (Registered Stock) Regulations, 1959.

Note: The value of the investment may go up and/or down during the tenure of the stock.

13th April, 2007

Nru. 358

PROSPETT

ĦRUĠ TA' Lm10,000,000 (€23,293,734)
5.1 FIL-MIJA
***STOCK* TAL-GVERN TA' MALTA 2014**
(IT-TIELET ĦRUĠ)
FUNGIBILITY ISSUE

(Suġġett għal Dritt li jiżdied l-i*stock* kif deskritt aktar 'l isfel)

Awtorizzat skond l-Att ta' l-2007 li Jimplimenta Miżuri ta' l-Estimi (Att Nru. IV ta' l-2007) u l-Ordinanza dwar Self Lokali (*Stock* u Titoli Reġistrati), Kap. 161

Prezz tal-Ħruġ Lm103.64 għal Lm100 NOMINALI (Li jġib rendiment sħiħ sal-fidwa ekwivalenti għal 4.5%)

1. APPLIKAZZJONIJIET

a. APPLIKAZZJONIJIET jifthu t-Tnejn 23 t'April, 2007 fit- 8.30 a.m. u jagħlqu f'nofsinhar il-Ħamis, 26 t'April, 2007, jew aktar kmieni fid-diskrezzjoni ta' l-*Accountant General*.

b. L-applikazzjonijiet kollha għandhom ikunu f'multipli ta' Lm100 fuq il-formola preskritta.

ċ. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jinkisbu minn u jiġu depożitati għand il-Membri kollha tal-Borża ta' Malta u Provdituri ta' Servizzi ta' Investiment oħra awtorizzati.

d. Applikazzjonijiet, minn xi applikant wieħed u/jew applikanti flimkien, li ma jeċċedux Lm50,000 kull persuna jkunu bi *premium* ta' 3.64% (103.64). L-applikanti f'din il-kategorija ma jistgħux jagħmlu wkoll offerti taħt il-paragrafi (e) u (f) hawn aktar 'l isfel.

e. Applikazzjonijiet mingħand applikant wieħed, li f'daqqa jeċċedu Lm50,000, imma ma jeċċedux il-Lm250,000 jkunu magħmulin f'offerti għal minimu ta' Lm50,100 kull wieħed. Applikanti taħt din il-kategorija ma jistgħux japplikaw ukoll taħt il-paragrafi (d) u (f).

f. Applikazzjonijiet mingħand applikant wieħed, li f'daqqa jeċċedu Lm250,000, għandhom ikunu magħmulin f'offerti għal minimu u multipli ta Lm250,000 kull waħda. Applikanti taħt din il- kategorija ma jistgħux japplikaw ukoll taħt paragrafi (d) u (e).

g. Offerti li jsiru fuq il-formoli preskritti għandhom jintefgħu fil-Kaxxa ta' l- Offerti t-Teżor, Floriana jew jintbagħtu fuq *fax* 25967210.

No. 358

PROSPECTUS

ISSUE OF Lm10, 000,000 (€23,293,734)
5.1 PER CENT
MALTA GOVERNMENT STOCK 2014
(THIRD ISSUE)
FUNGIBILITY ISSUE

(Subject to an Over-Allotment Option as described below)

Authorised under the Budget Measures Implementation Act, 2007 (Act No IV of 2007) and the Local Loans (Registered Stock and Securities) Ordinance, Cap. 161

Price of Issue Lm103.64 per Lm100 nominal (Which corresponds to a gross redemption yield of 4.5%)

1. APPLICATIONS

a. Applications open on Monday 23rd April 2007 at 8.30am and close at 12.00 noon on Thursday 26th April 2007 or earlier at the discretion of the Accountant General.

b. All applications are to be made in multiples of Lm100 on the prescribed form.

c. Application forms may be obtained from, and lodged at, all Members of the Malta Stock Exchange and other authorised Investment Services Providers.

d. Applications by any single and/or joint applicants, which in the aggregate must not exceed Lm50,000 per person, shall be at a premium of 3.64% (103.64). Applicants under this category are precluded from bidding also under paragraphs (e) and (f) below.

e. Applications by any single applicant, which in the aggregate are over Lm50,000, but do not exceed Lm250,000, shall be in the form of sealed bids for a minimum of Lm50,100 each. Applicants under this category are precluded from applying also under paragraphs (d) and (f).

f. Applications by any single applicant, which in the aggregate exceed Lm250,000 shall be in the form of sealed bids for a minimum and multiples of Lm250,000 each. Applicants under this category are precluded from applying also under paragraphs (d) and (e).

g. Bids on the prescribed forms are to be deposited at the Treasury Tender Box or transmitted by fax on 25967210.

h. Applikazzjonijiet li jsiru minn minuri jiġu biss aċċettati jekk dawn ikunu iffirmati minn persuni li jkunu ġenituri, tuturi jew kuraturi tagħhom.

i. Applikazzjonijiet li jsiru f'isem '*Nominee a/c*' u/jew '*Clients a/c*' jiġu biss aċċettati jekk dawn ikollhom magħhom lista bl-identità tal-klijenti rispettivi tagħhom.

j. Ebda applikazzjoni ma tista' tiġi rtirata wara l-ħin ta' l-għeluq.

2. *POLICY* DWAR L-ALLOKAZZJONI TA' *STOCK*: L-allokazzjoni ta' l-i*Stock* issir kif ġej:

a) L-Offerti jiġu kkunsidrati wara li l-applikazzjonijiet bil-Lm103.64 għal Lm100 nominali jkunu eżawriti.

b) F'każ li d-domanda għall-i*Stock* taħt paragrafu 1d tkun aktar milli jkun hemm, l-allokazjoni ta' l-i*Stock* fost l-applikanti kollha f'dik il-kategorija ssir b'mod proporzjonat skond l-għadd ta' applikazzjonijiet li jkunu saru.

ċ) Offerti fuq l-aħħar rata aċċettata minn aktar min applikant wieħed ssir b'mod proporzjonat skond l-ammont tal-offerti.

d) Ammonti li jiġu allokati lill-Fondi tal-Gvern ikunu skond l- aħħar rata aċċettata.

3. DRITT LI JIŻDIED L-I*STOCK*:

L-*Accountant General* jirriserva d-dritt li jalloka massimu ta' Lm10,000,000 aktar f'każ li t-talba taqbeż l-ammont ta' *Stock* maħruġ. Ħlas b'lura ta' applikazzjonijiet, li ma jiġux allokati għal kollox, isir qabel il-ħruġ tal-Parir ta' Reġistrazzjoni. Dak il-ħlas lura jsir bi kreditu dirett fil-kont li hemm indikat għal ħlas ta' l-imgħax.

4. ĦLAS TA' *DIVIDENDI* (MGĦAX)

a) Id-*dividend (*mgħax) jitħallas kull sitt xhur b'lura fis-6 ta' Jannar u fis-6 ta' Lulju ta' kull sena waqt il-kors ta' l-i*Stock*.

b) L-ewwel ħlas *pro-rata* relattiv għall-perjodu bejn t-3 ta' Mejju, 2007 u s-6 ta' Lulju, 2007 isir fis-6 ta' Lulju, 2007.

ċ) Ħlas ta' *dividend* (mgħax) isir skond kif indikat fuq il-formola ta' l-applikazzjoni bi kreditu dirett f'fergħa ta' bank lokali.

d) F'każijiet meta *Stock* ikun reġistrat fl-ismijiet ta' żewġ persuni jew iżjed bħala kodetenturi ta' *Stock,* il-ħlas isir lill-persuna li isimha jkun jidher l-ewwel fir-reġistru.

h. Applications by minors will only be accepted if signed by a legal guardian.

i. Applications in the name of 'Nominee a/c' and/or 'Clients a/c' will only be accepted if accompanied by lists of their respective clients.

j. All applications will be irrevocable after closing time.

2. ALLOTMENT POLICY: Allocation of Stock will be made in the following order:

a) Applications by auction will be considered after applications at Lm103.64 per Lm100 nominal are exhausted.

b) In the case of over-subscription by applicants under paragraph 1d, allotment will be effected proportionately to the amount of the applications made.

c) Bids at the last rate accepted, by more than one applicant will be allotted in proportion to the amount of the bids.

d. Any amount allotted to the Government Funds will be at the cut off rate.

3. OVER-ALLOTMENT OPTION:

The Accountant General reserves the right to exercise an over allotment option for an additional amount of Lm 10,000,000. Refunds of applications, which are not wholly allotted, will be effected before the issue of the relevant Registration Advices. Such refunds will be paid by direct credit in the account indicated for the payment of dividends.

4. PAYMENT OF DIVIDENDS (Interest)

a) Dividend (interest) is payable half yearly in arrears on the 6th day of January and the 6th day of July during the tenure of the Stock.

b) The first pro-rata payment covering the period from the 3rd May 2007 to the 6th July 2007 will be made on the 6th July 2007.

c) Payment of dividend (interest) will be made by direct credit to any branch of any local bank as advised on the application form.

d) In cases where Stock is registered in the name of two or more persons as joint stockholders, payment will be made to the person whose name appears first in the register.

5. L-*Accountant General* iżomm id-dritt li joħroġ, fil-futur, ammonti addizzjonali ta' l-*iStock* preżenti fi *tranches* oħra. Fil-każ ta' kull ħruġ ieħor bħal dak, dawn għandhom jiġu integrati ma' l-i*Stock* eżistenti.

6. FIDWA TA' STOCK: L-i*Stock* għandu jiġi mifdi b'parità fis-6 ta' Lulju, 2014.

7. SIGURTÀ: L-*iStock* u d-*dividend* fuqu jkunu għal kariku tad-Dħul u Attiv Ġenerali tal-Gvern ta' Malta.

8. NEGOZJU FIL-BORŻA TA' MALTA

a) Skond l-Att dwar is-Swieq Finanzjarji, Kap. 345, saret applikazzjoni għand il-*Listing Authority* biex l-i*Stock* ikun allokat u sabiex jiġi ammess fuq il-Lista Uffiċċjali tal-Borża ta' Malta.

b) Fis-7 ta' Lulju, 2007, wara l-pagament ta' l-ewwel imgħax, dan l-i*Stock* jiġi integrat ma' l-iStock eżistenti 5.1% Stock tal-Gvern ta' Malta 2014(III) u wara dawn iż-żewġ *Stocks* jitqiesu bħala *Stock* wieħed.

9. LEĠISLAZZJONI RELATTIVA: L-Att ta' l-2007 li Jimplimenta Miżuri ta' l-Estimi (Att Nru.IV ta' l- 2007), l-Ordinanza dwar Self Lokali(*Stock* u Titoli Reġistrati), Kap.161, u direttivi mill- Ministru tal-Finanzi taħt l-artikolu 4(1) (a) ta' l-Ordinanza msemmija, ir-Regolamenti ta' l- 1959 dwar Self Lokali (*Stock* Reġistrat).

Nota: Il-valur tal-investiment jista jitla' kif ukoll jinżel matul iż-żmien li l-i*Stock* ikun fis-suq.

It-13 ta' April, 2007

5. The Accountant General reserves the right to issue, in future, additional amounts of the present Stock in further tranches. In the event of such further issues these will be integrated with the existing Stock.

6. REDEMPTION OF STOCK: The Stock shall be redeemed at par on the 6th July 2014.

7. SECURITY: The Stock and dividend thereon will be a charge on the General Revenue and Assets of the Government of Malta.

8. TRADING ON THE MALTA STOCK EXCHANGE

a) Pursuant to the Financial Markets Act, Cap. 345, an application has been submitted to the Listing Authority for the bonds to be admissible to listing and to the Malta Stock Exchange for the bonds to be admitted to its Official List.

b) On the 7th July 2007, after the payment of the first dividend, this Stock will be integrated with the existing issue 5.1% Malta Government Stock 2014(III) and shall thereafter both be deemed to be one Stock.

9. RELEVANT LEGISLATION: The Budget Measures Implementation Act, 2007 (Act No. IV of 2007), the Local Loans (Registered Stock and Securities) Ordinance, Cap.161, and directives by the Minister of Finance under article 4 (1) (a) of the said Ordinance, the Local Loans (Registered Stock) Regulations, 1959.

Note: The value of the investment may go up and/or down during the tenure of the stock.

13th April, 2007

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

563

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fit-30 ta' Ottubru 2006, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali numru 564/06, fl-ismijiet SMS Insurance Agency vs Carmel Abela ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimati a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-31 ta' Jannar 2006, lil 1. Carmel Abela, John Abela Limited, 94, Triq Giovanni Barbara, il-Ħamrun, 2. John Abela Limited, 94, Triq Giovanni Barbara, il-Ħamrun, SMS Insurance Agency Limited (C 5645) rappreżentanti s-soċjetà estera Ecclesiastical Insurance Office plc (Villa Venezia, Ta' Xbiex Terrace, Ta' Xbiex MSD 11) tagħmel riferenza għall-fatt li s-soċjetà mittenti ġiet kostretta tħallas is-somma ta' Lm480.13 (€1,118.40) taħt il-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li intom inqastu li tagħmlu l-claim relattiva magħha jew altrimenti tinfurmawha kif kontu obbligati tagħmlu bħala l-assigurati tagħha.

It is hereby notified that the Court of Magistrates (Malta) by means of a decree given on the 30th October 2006, in the records of the judicial letter number 564/06, in the names SMS Insurance Agency vs Carmel Abela ordered the following publication for the purpose of service of the respondents in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of an Application, filed, in the Court of Magistrates (Malta) on the 31st January 2006, against 1. Carmel Abela, John Abela Limited, 94, Giovanni Barbara Street, Hamrun, 2. John Abela Limited, 94, Giovanni Barbara Street, Hamrun, SMS Insurance Agency Limited (C 5645) representing the foreign company Ecclesiastical Insurance Office plc (Villa Venezia, Ta' Xbiex Terrace, Ta' Xbiex MSD 11) refers to the fact that the interpellant company was constrained to pay the sum of Lm480.13 (€1,118.40) under Chapter 104 of the Laws of Malta, after you failed to make the relative claim with her or inform her as you were bound as its assured.

Mingħajr ksur tal-kundizzjonijiet tal-polza da parti tagħkom, is-soċjetà mittenti għandha l-jedd tirkupra mingħandkom l-istess ammont minnha mħallas ai termini tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta.

Intom għalhekk qed tiġu interpellati sabiex fi żmien ġimgħa tħallsu lis-soċjetà mittenti s-somma ta' Lm480.13 (€1,118.40).

Fin-nuqqas da parti tagħkom ser jittieħdu proċeduri ġudizzjarji kontra tagħkom, bi spejjeż ulterjuri għalikom mingħajr ebda avviż ieħor.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittra legali tas-6 ta' Ottubru 2005.

Din l-intima hija meħtieġa sabiex tiġi interotta l-preskrizzjoni ai termini ta' l-Artikolu 2129 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum, 12 ta' April 2007.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Without any violation of the conditions of the policy on your part, the interpellant company has the right to recover from you the same amount paid by it in terms of Chapter 104 of the Laws of Malta.

You are therefore requested so that within a week you pay the company the sum of Lm480.13 (€1,118.40).

In default on your part judicial proceedings shall be taken against you, with further costs against you , without any other notice.

With costs, including those of the legal letter of the 6th October 2005.

This calling is necessary in order to interrupt prescription in terms of Article 2129 of Chapter 16 of the Laws of Malta.

Registry of the Magistrates Court (Malta) today 12th April 2007.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

564

Ikun jaf kulħadd illi l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili permezz ta' digriet mogħti fit-13 ta' Frar 2007, fl-atti tar-Rikors numru 1015/06 AF, fl-ismijiet Mifsud Marie Therese et vs Panor Limited (C 27001) ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tas-soċjetà intimata a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fit-8 ta' Novembru 2006, minn Marie Therese Mifsud (ID 495347M) u żewġha Gaston Mifsud (ID 444944M) għal kull interesss li jista' jkollu skond il-liġi, jesponu bir-rispett:

1. Illi l-esponenti Marie Therese Mifsud hija azzjonista u direttriċi tas-soċjetà intimata filwaqt li r-rikorrent l-ieħor kien segretarju ta' l-istess soċjetà mill-2001 sal-2003.

2. Illi l-kumpanija Panor Limited, qed titmexxa ħażin u saru u għadhom isiru ħafna irregolaritajiet mid-diretturi l-oħra ta' l-imsemmija kumpanija u dan kontra l-interessi tal-esponenti li tinsab fil-minoranza fl-imsemmija kumpanija.

Fil-qosor il-punti saljenti huma s-segwenti;

...Omissis...

Irregolarità fil-minuti.

...Omissis...

Nuqqas ta' meetings, meetings imħassra mingħajr avviż jew sejħa ta' meetings b'mod irregolari.

It is hereby notified that the First Hall Civil Court by means of a decree given on the 13th February 2007, in the records of the Application number 1015/06 AF, in the names Mifsud Marie Therese et vs Panor Limited (C 27001) ordered the following publication for the purpose of service of the respondent company in terms of 187(3) of Chapter 12.

By means of an Application filed in the First Hall Civil Court on the 8th November 2006, by Marie Therese Mifsud (ID 495347M) and her husband Gaston Mifsud (ID 444944M) for any interest he may have according to law, plead with respect:

1. That the applicant Marie Therese Mifsud is a shareholder and director of the respondent company whilst the other applicant was a secretary of the same company from 2001 to 2003.

2. That the company Panor Limited is being badly administered and a lot of irregularities were and are still being made by the other directors of the said company and this against the interests of the applicant who is in a minority, in the said company.

In short the salient points are the following:

...Omissis...

Irregularity of the minutes.

...Omissis...

Lack of meetings, meetings cancelled without notice or meetings irregularly called.

...Omissis...

Nuqqas ta' informazzjoni u trasparenza dwar l-amministrazzjoni tal-kumpanija.

...Omissis...

Deċiżjonijiet u nfiq dwar proprjetà tal-kumpanija mingħajr approvazzjoni tal-Bord qabel ma dawn saru.

...Omissis...
Il-ħtieġa urġenti tan-nomina immedjata ta' amministratur proviżorju għas-soċjetà intimata.

Talbiet.

17. Għalhekk abbażi tas-suespost u ta' provi u sottomissjonijiet ulterjuri li jingħiebu waqt is-smigħ tar-rikors, l-esponenti jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

I. tordna x-xoljiment u l-istralċ ta' Panor Limited minn din l-Onorabbli Qorti, skond is-sub-paragrafu (III) tal-paragrafu (b) tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 214 tal-Kap. 386;

II. qabel ma tagħmel l-ordni mitluba fl-ewwel talba, minnufih taħtar, ai termini ta' l-art. 228 tal-Kap. 386, amministratur provviżorju għas-soċjetà Panor Limited, u tagħtih dawk il-poteri u funzjonijiet li jidhrilha xierqa fiċ-ċirkostanzi.

III. taħtar jekk ikun il-każ stralċjarju għal Panor Limited; u

IV. tagħti ai termini ta' l-Art. 219 tal-Kap. 386 dawk l-ordnijiet u provvedimenti li jidhrilha xierqa jew neċessarji waqt l-andament tal-proċeduri.

Bl-ispejjeż.

Rikorrenti: 14/72, Portomaso, St. Julians.

Intimata: 7, Panoramic Bldgs., Bay Junction St. Julians.

Ir-Rikors numru 1015/2006 AF, fl-ismijiet Mifsud Marie Therese et vs Panor Limited (C 27001) jinsab differit għad-19 ta' April 2007, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum 12 ta' April 2007.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

..Omissis...

Lack of Information and transparency regarding the administration of the company.

...Omissis...

Decisions and expenditure regarding property of the company without approval of the Board before these were made.

...Omissis...
The urgent need of the immediate appointment of a provisional administrator for the respondent company.

Demands.

17. Thus on the basis of the above and the proof and further submissions that shall be made during the hearing of the application the applicants pray with respect that this Honourable Court:

I. orders the dissolution and winding up of Panor Limited by this Honourable Court, according to sub-paragraph (III) of paragraph (b) of subarticle (2) of article 214 of Chapter 386;

II. before giving the order demanded in the first demand, immediately appoint in terms of art. 228 of Chapter 386, a provisional administrator for the company Panor Limited, and give him those powers and functions which it deems fit in the circumstances.

III. to appoint if it be the case a liquidator for Panor Limited; and

IV. make in terms of art 219 of Chapter 386 those orders and provisions which it deems it fit and necessary during the procedures.

With costs.

Applicant: 14/72, Portomaso, St. Julians .

Respondent: 7, Panoramic Bldgs., Bay Junction, St. Julians.

The Application number 1015/2006 AF, in the names Mifsud Marie Therese et vs Panor Limited (C 27001) has been put off to the 19th April 2007, at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 12th April 2007.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

L-ammonti bl-ewro huma bbażati fuq ir-rata ta' €1=Lm0.429300 u huma għal użu ta' informazzjoni biss
Values displayed in euro are based on the rate of €1=Lm0.429300 and are for information purposes only

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*